**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Novembru 2023**

**Rikors Gur.Nru.: 282/2021 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**JM**

**Vs**

**U b'digriet tal-5 ta' Jannar 2022 gew mahtura Dr Joseph Brincat u PL Melissa Anastasi bhala Kuraturi Deputati 'ad litem' sabiex jirrapprezentaw lill-assenti MH**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur datat 29 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent izzewweg lill-konvenuta bir-Registru fit-12 ta' April 2002 (vide kopja tac-certifikat bin-numru 288/2002 hawn anness u mmarkat* ***Dok A****).*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla IM li twieldet nhar X (vide kopja tac-certifikat bin-numru X hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok B****).*

3. *Illi ghal habta tas-sena X il-konvenuta telqghet mid-dar matrimonjali u sussegwentement l-konvenuta kienet inqabdet tqila bit-tifla IM.*

4. *Illi ghal habta tal-2005 il-konvenuta sahansitra telqghet minn Malta bit-tifla lejn il-Marokk u safejn jaf l-esponent hija qatt ma rritornat.*

5. *Illi l-esponent ma ghandhux informazzjoni fejn il-konvenuta qed tghix prezentement u ma ghandu l-ebda kuntatt mall-konvenuta u lanqas mat-tifla.*

6. *lli l-esponent jixtieq jipprocedi ghall-firda personali minn ma' martu l-konvenuta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

7. *Illi l-partijiet ma ghandhom l-ebda assi tal-kommunjoni u lanqas djun.*

8. *Illi r-raguni ta' din it-talba hija li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenuta u ghalhekk ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti prevja li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti u li jsir dak kollu mehtieg konsegwenza ta' tali separazzjoni.*

9. *Illi l-esponent gie awtorizzat biex jipprocedi b'dan ir-rikors guramentat ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 4 t'Ottubru fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni numru 1112/21 (vide kopja annessa u mmarkata bhala* ***Dok C****)*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhix ghar-ragunijiet premessi :*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u tawtorizza lir-rikorrent jghix separatament minn mall-konvenuta.*

2. *Tiddikjara illi l-konvenuta hija unikament hatja ghall-firda tal-kontendenti minhabba adulterju u abbandun u dan a tenur tal-Artikoli 38 u 41 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet ta' l-artikolu 48 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata hatja tal-firda.*

3. *Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, sa 54 tal-Kodici Civili.*

4. *Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u kull akkwist maghmul ghandu jibqa' proprjeta' esklussiva tal-parti li tkun ghamlitu u kull obbligazzjoni assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha u dan a tenur tal-Artikolu 55 (1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenuta hija unikament hati ghas-separazzjoni personali okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, u tassenja porzjoni lill-attrici u porzjon lill-esponent ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-atti relattivi li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

6. *Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-esponenti.*

7. *Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas wahdu kwalunkwe djun u krediti li hemm pendenti f'ismha.*

8. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' April 2002.*

9. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.*

10. *Tawtorizza lir-rikorrent sabiex jirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati datata 30 ta' Mejju 2022, a fol 25 li taqra hekk:

> *Illi l-kuraturi mhumiex edotti mill-fatti u possibilment m'ghandhomx il-possibilita' li jkunu f'kuntatt mal-konvenuta biex jistgu jgibu l-verzjoni tal-fatti taghha.*
>
> *F'dan il-kas jidher illi l-partijiet izzewgu fl-2002 u z-zmien li ghamlu flimkien kien verament zghir. Jidher ukoll illi anke dwar it-tarbija li twieldet li llum ghandha 19-il sena bl-ebda mod ma tista tigi akkolta lill-attur ghall-manteniment jew ghaliex tkun qieghda tistudja sa 23 sena, salvi eccezzjonijiet ohra.*
>
> *Dikjarazzjoni tal-fatti*
>
> *Illi l-kuraturi mhumiex edotti mill-fatti imma skont dak li hemm rakkuntat fid-dikjarazzjoni tal-attur, wara z-zwieg fl-2002 il-mara kienet diga telqet mid-dar u fl-2005 telqet sahansitra minn Malta. Mhuwiex eskluz f'dawn ic-cirkustanzi li dan kien zwieg ta' konvenjenza minn naha tal-konvenuta pero' mbaghad dawret l-idejat taghha u telqet lura possibbilment lejn pajjizha. Mhuwiex facli li tottjeni informazzjoni fuq persuni hawn Malta ahseb u ara fil-Marokk.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***L-attur xehed nhar it-2 ta' Novembru 2022 (vide fol 92 et seq)*** u spjega illi huwa zzewweg lill-intimata fit-12 ta' April 2002. Jixhed illi xi hbieb tieghu kienu laqqugh mal-intimata u dan gara madwar ghoxrin (20) sena ilu. L-intimata kienet ftit akbar minnu. Illi minn hemm huma bdew johorgu flimkien izda ma kienux jghixu flimkien. Illi f'punt minnhom l-intimata bdiet tghidlu illi jista' jaghti l-kas li titkecca minn Malta u kienu zzewwgu madwar tlett (3) xhur wara. Jistqarr illi qabel iz-zwieg ma kienx hemm problemi u kienu kuntenti flimkien. Kif izzewgu l-intimata marret tirrisjedi mieghu. Jispjega illi darba minnhom filghodu kien hareg bil-kelba u kif tbieghed mid-dar innota lill-intimata gejja bil-karozza u pparkjat. F'daqqa wahda waqfet vettura ezatt warajha. L-intimata nizlet mill-karozza u rikbet f'din il-karozza u telqet. Izid illi l-vettura kienet qieghda tinstaq minn ragel barrani. Kif wasal id-dar hu beda jippakkja hwejjigha fejn il-bieb u kif waslet

lura qalilha li iz-zwieg taghhom intemm hawnhekk. Jispjega illi l-intimata ghal bidu bdiet tichad li rikbet ma' ragel iehor, izda imbaghad qaltlu li dan kien minnu izda ghaliex kienet waqfitilha l-karozza. L-intimata qabdet hwejjigha bil-kwiet u telqet. Jinsisti illi l-intimata kienet miftehma ma' dan ir-ragel u li l-versjoni li taghtu hi ma kienitx plawsibbli.

Mat-trapass taz-zmien l-attur jixhed illi hu kien telaq minn Bormla u mar joqghod San Pawl il-Bahar, u hemmhekk reggghu iltaqghu. Dak iz-zmien l-intimata kienet qieghda tirrisjedi San Gwann. Illi regghu bdew johorgu flimkien. Wara xi ftit xhur kienet infurmatu li hi tqila, izda hu kien bid-dubju jekk it-tarbija hiex tieghu jew le. Ghalkemm huwa kien talabha kemm il-darba biex isir test tal-paternita, l-intimata dejjem irrifjutat. Jixhed illi hu ma kienx prezenti meta twieldet it-tifla u kien sar jaf wara meta l-intimata baghtitlu messagg biex tinfurmah dwar it-twelid tat-tarbija u li kellhom tifla u dana minkejja li l-attur xtaq li jkun prezenti ghat-twelid tat-tarbija.

Jispjega illi hu kien imur jara lit-tifla izda qatt ma hallietu johrog wahdu bit-tifla. Darba minnhom mar ihabbtilha San Gwann, u ma fetah hadd. Fil-pront hareg wiehed mill-girien u qallu li l-intimata telqet minn Malta. Jispjega illi kienet qaltlu li hi xtaqet li tmur lura l-Marokk u biex imur maghha izda finanzjarjament huwa ma setghatx. Illi ftit snin wara, habib tieghu kien infurmah illi t-tifla qieghda tfittxu u kien rega iltaqgha mat-tifla. L-ahhar li kien ra lit-tifla, it-tifla kellha tliet (3) snin u llum ghandha madwar ghoxrin (20) sena. Jixhed illi hu ghadu bid-dubju jekk effettivament meta tkellem mat-tifla ikunx qieghed jitkellem mat-tifla jew mal-omm.

***L-Ispettur Lara Butters xehdet nhar l-10 ta' Jannar 2023 (vide fol 105 et seq)*** u spjegat illi mir-ricerki maghmula ma rrizulta l-ebda movement tal-intimata, b'dana illi huma ma jafux jekk sifritx jew le. Tikkonferma illi huma jkollhom rendikont ta' movimenti barra mill-Ewropa**.**

***Dr Christopher Spiteri, in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar l-10 ta' Jannar 2023 (vide fol 110 et seq)*** u spjega illi prezentement m'hemm l-ebda vetturi registrati fuq isem l-intimata u lanqas fil-passat ma jidher illi kien hemm vetturi registrati fuq isem l-intimata.

***Louis Buhagiar, in rapprezentanza tal-Jobs Plus, xehed nhar it-8 ta' Novembru 2022,*** u pprezenta l-*employment history tal-attur.*

**Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-BOV Bank Plc, xehdet nhar it-8ta' Novembru 2022** prezentat dokument JB1.

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc xehdet nhar it- 8 ta' Novembru 2022*** u prezenta dok LA 1 u LA 2.

***Dr Christopher Spiteri in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar it-8 ta' Novembru 2022*** u prezenta document CS1 u CS2.

***Patrizia Salerno in rapprezentanza tal-APS xehdet nhar it-8 ta' Novembru 2022*** u prezentat dokumenti Doc APS 1, 2 u 3.

***Patrizia Salerno in rapprezentanza tal-Aps Banl Malta ri-prodotta nhar il-21 ta' Novembru 2022 (vide fol 115 et seq)*** spjegat illi l-intimata ma kellha l-ebda kontijiet mal-bank.

***Daniel Azzopardi in rapprezentanza tal BNF Bank xehed nhar il-21 ta' Novembru 2022 (vide fol 116 et seq)*** u spjega illi l-intimata qatt ma kienet klijenta tal-bank.

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank, xehdet nhar il-21 ta' Novembru 2022 (vide fol 117 et seq)*** u spjega illi ma rrizultaw l-ebda kontijiet f'isem l-intimata.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipulaw kif segwenti:

> ***Art. 66A (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jewb'sentenza.***
>
> ***2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta'sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.***
>
> ***(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 japplikaw***

*mutatis mutandis. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ.*

*(4) Il-qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju tindika b'mod ċar in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-partijiet, u, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*66B.* Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu,id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjoduta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta'*

*separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġinli kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dakordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju lijoħorġu mil-liġi*

Rat ukoll l-artikolu 66(D) sub artikolu 3 u 4 u l-artikolu 66 (E):

***Art. 66D***

***(3) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta'separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista'tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni.***

***(4) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-qorti jkollha mutatis mutandis is-setgħat mogħtija lilha fis-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu għal dak illi jirrigwarda l-ordnijiet illi jkollha s-setgħa tagħti pendente lite.***

***66E. Mingħajr ħsara għal dak provdut fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, fejn il-qorti, fuq talba ta' waħda mill-partijiet issib illi l-parti l-oħra kienet ħatja li ġabet it-tifrik taż-żwieġ għar-raġunijiet maħsuba fl-artikoli 38, 40 u 41, il-qorti tista'tapplika mutatis mutandis kontra dik il-parti dak maħsub fl-artikolu 48.***

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba da parti tal-attur, sabiex din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni u tordna l-hall taz-zwieg tal-partijiet.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi mit-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur, l-

attur qieghed jibbaza din l-istanza fuq l-artikolu 66(D)(3) su-citat aktar qabel, b'dana illi l-attur flimkien mat-talba ghas-separazzjoni personali, u dawk it-talbiet li jsiru f'kawza ta'separazzjoni, qieghed jitlob ukoll id-divorzju u cioe il-hall taz-zwieg tal-partijiet.

Il-Qorti tosserva illi l-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tirrikjedi illi f'kazijiet fejn il-partijiet ma jkunux diga' legalment separati, bhal partijiet fil-proceduri odjerni, il-proceduri jinbdew permezz ta' rikors u mhux ittra. Illi din il-Qorti rat illi fil-*proceduri de quo,* l-attur intavola ittra u mhux rikors. Illi in forza tad-digriet taghha datat 4 ta' Ottubru 2021, din il-Qorti kif preseduta awtorizzat lill-attur jipprocedi bil-proceduri gudizzjarji wara li ghalqet il-medjazzjoni, prevja li l-kontenut tal-ittra jigi konfermat bil-gurament, vide Dok C a fol 7.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu, il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat. Ma jistax ikun dubitat illi l-osservanzi tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawza u r-regolarita` taghha.

Illi pero' l-analisi ta' jekk din il-kondotta u l-evalwazzjoni ta' jekk in-nuqqasijiet li jirrizultaw kienux jimportaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet stipulati fin-normi procedurali li jirregolaw is-smiegh tal-kawza ghandu jsir oggettivament. Illi l-Qorti fic-cirkostanzi, fid-dawl ta' gurisprudenza li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat[1] u ta' dak li xehed l-attur, din il-Qorti tirrileva illi fid-dawl ta' dan kollu ma tqisx illi ghandha tiddikjara l-proceduri *de quo* monki u thalli lill-partijiet jibqghu marbuta fi zwieg li *de facto* ormai huwa prattikament defunt.

**Ikkonsidrat:**

Illi da parti tieghu l-attur jishaq li z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment u illi l-konvenuta rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli minhabba abbandun u adulterju.

L-abbandun huwa mottiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

---

[1] Vide *inter alia* gurisprudenza tal-Imhallef Raymond C Pace, u dik tal-Imhallef Philip Sciberras fosthom: Untours Insurance Limited vs Gauci Maria Lourdes deciza 10/07/2003 Qorti tal-Appell (Sede Infejuri).

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentjen jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-**abbandun idum ghal sentejn jew izjed, filwaqt li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba.** Fil-*kawza* ***Andrea Avellino vs. Regina Avellino***[2], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

> ***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[3] fejn il-Qorti sostniet illi:

> ***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

> ***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax

---

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacificu fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

**I**lli mit-testimonjanza tal-attur jirrizulta illi ftit xhur wara z-zwieg, l-attur kien ra lill-intimata tirkeb go karozza ma' ragel iehor, u wara konfront, l-attur kien ippakkja hwejjeg l-intimata u talabha tallontata ruhha mid-dar. Mistoqsi ripetutament fix-xhiedha tieghu l-attur jishaq **illi kien hu li "keccieha".** Illi sussegwentement il-partijiet kienu regghu iltaqghu u ghalkemm kienu regghu bdew jiffrekwentaw lil xulxin, izda qatt ma regghu ghexu flimkien. Illi eventwalment l-intimata kienet infurmatu li kienet tqila u li t-tarbija kienet tieghu. Illi ghalkemm l-attur dejjem baqa' bid-dubju dwar il-paternita tat-tarbija, hu gie mcahhad milli jkun prezenti ghat-twelid tat-tarbija stante li gie infurmat biss wara li l-intimata weldet.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi minn dak li xehed l-attur, filwaqt li jidher li huwa minnu li l-intimata qabet u telqet lura lejn il-Marokk flimkien mat-tifla, dan ma jinkwadrax ruhhu fid-dictami tal-artiklu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi lanqas ma jista jinghad illi l-attur irnexxilu jipprova illi l-intimata kkomettiet adulterju, stante li kif ammess minnu stess fil-perjodu fejn giet koncepita l-minuri, l-attur u l-intimata kellhom rapport intimi.

Maghdud dan pero', din il-Qorti tara illi l-artiklu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti lil din il-Qorti il-fakulta illi tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment (anke jekk l-ebda waħda mill-kontendenti ma tkun għamlet talba, għal dik ir-raġuni.) Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti jirrizulta b'mod lampanti illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li l-ħajja konjugali flimkien ma kienitx ghadha aktar possibbli.

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti hawn fuq, ma tqisx illi d-

disposizzjonijiet tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma applikabbli.

*Il-Komunjoni tal-Akkwisti:*

Il-Qorti rat ukoll illi mill-provi in atti jirrizulta ghalkemm il-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet, ma hemm l-ebda assi in komunjoni. In *ogni caso* din il-Qorti jidhrilha illi kwalunkwe facilitajiet bankarji mehuda mill-partijiet qabel iz-zwieg ghandhom ikunu a karigu assolut ta' dik il-parti li tkun ikkontrattathom, filwaqt li l-kontijiet bankarji li huma f'isem parti minnhom qed jigu dikjarati bhala propjeta` assoluta ta' dik il-parti li f'isimha jkun intestat il-kont bankarju.

*Manteniment*

Ghal rigward il-manteniment, il-Qorti rat illi in vista tal-fatt illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, il-Qorti tqis illi jkun gust illi l-Qorti tiddikjara li l-kontendenti ddekadew d-dritt li jitolbu manteniment ghal xulxin. Ghal rigward tal-manteniment ghat-tifla IM, il-Qorti tifhem illi l-paternita attwali ta' din it-tifla jehtieg illi tigi pprovata xjentifikament u dana in vista tal-fatt tal-perjodu sostanzjali li ghadda meta l-partijiet kienu fizikament separati minn ma xulxin, abbinat mal-fatt illi l-intimata ma nfurmatx lill-attur bit-twelid tat-tarbija u dejjem rrifjutat li l-attur jiehu DNA test tal-istess wild. Ghaldaqstant tastjeni milli tipprovdi dwar il-manteniment tal-minuri li ormai ghandha dsatax-il sena.

Illi ukoll, din il-Qorti rat illi l-artikolu 66G tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

***(1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti–***

***(a) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(b) jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju.***

***(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:***

***(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1); jew***

***(b) fejn il-miżżewġin ikunu separati b'sentenza tal-qorti,ikun akkumpanjat minn kopja legali tal-istess sentenza ta' separazzjoni jew, fejn il-miżżewġin ikunu separatI b'kuntratt, ikun akkumpanjat minn kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali:***

***Iżda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-każ ta'divorzju ma jkunx ippreżenta n-nota imsemmija, il-kopja tas-sentenza ta' separazzjoni jew tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, kif ikun il-każ, l-avukat għandu jippreżenta dawn id-dokumenti fil-qorti sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża:***

***Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "ir-rikorrent"tfisser persuna li tagħmel rikors, qed tħejji rikors jew bi ħsiebha tagħmel rikors lill-qorti għall-ksib tad-divorzju.***

Il-Qorti tirrileva illi n-nota rikjesta mill-ligi ai termini tal-artikolu 66 G (2) (a) tal-Kap 16 giet prezentat mill-avukat difensur tal-attur u tinsab a fol 132 tal-atti. Illi pero' il-Qorti tirrileva illi din n-nota giet prezentata tardivament, stante li giet intavolata nhar is- 17 ta' Ottubru 2023, ma setghatx tigi rintraccata u regghet giet ippresentata fit-23 ta' Novembru 2023 u mhux sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża kif tezigi l-ligi. Dan sehh biss wara li l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet fuq il-bzonn li jirregolaw ruhhom dwar dan.

Illi kif diga inghad aktar kmieni, filwaqt illi din il-Qorti tqis illi hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu, il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat. Din il-Qorti tirrileva illi t-tardivita' tal-prezentata tan-nota in kwistjoni mhux sejra tintralcja b'xi mod il-process gudizzjarju odjern jew tohloq pregudizzju lill-partijiet. Illi ghalhekk tali tardivita' m'ghandhiex tkun ostaklu ghall-Qorti sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni u tghaddi ghas-sentenza.

Illi din il-Qorti rat illi mill-atti jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati de facto ghal tul ta' zmien

rikjest mill-ligi, illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta manteniment bejn il-kontendenti lanqas ma' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk tordna l-hall taz-zwieg.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante li z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u li l-ħajja konjugali flimkien m'ghadhiex aktar possibbli u tawtorizza lill-kontendenti jghixu separatament minn xulxin;**
2. **Tichad it-tieni talba ghar-ragunijiet su-indikati;**
3. **Tichad it-tielet talba ghar-ragunijiet su-indikati;**
4. **Tilqa' r-raba talba u u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna illi kwalunkwe kont bankarju, vettura jew assi ohra tal-kontendenti jibqghu jappartjenu lill parti li f'isimha jkunu intestati;**
5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li tali talba diga giet indirizzata sopra;**
6. **Tiddikjara li z-zewg kontendenti ddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin;**
7. **Tordna illi kwalunkwe djun u/jew krediti, u/jew obbligi kontratti minn entrambi l-partijiet, ghandhom ikunu a karigu ta' dik il-parti li tkun ikkuntrattathom;**
8. **Tilqa' it-tmien talba u tippronunzja d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti nhar it-12 ta' April ta' Lulju 2002, liema zwieg igib in-numru c-certifikat numru 288/2002;**
9. **Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-separazzjoni u bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**
10. **Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku;**

**Tordna illi kull parti thallas l-ispejjes taghha, b'dana li l-ispejjes tal-intimata jithallsu provizorjament mill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**